MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2014

Numru. 307/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**LEOPOLDO SPITERI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Leopoldo Spiteri ta' 45 sena mwieled Pieta', nhar it-22 ta’ Settembru 1965 bin il-mejjet Elia u Stella nee' Bartolo residenti 46, Triq ir-Rinella, Kalkara, detentur tal-karta tal-

identita nru 462365(M)**,** gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Mejju 2011 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu (10.15Hrs), gewwa Triq l-Imriehel, Birkirkara volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fuq vettura tal-ghamla Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni DAT698 ghad-dannu ta' Raissa Arpa, liema hsara tammonta ghall-valur li ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax -il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-31 ta` Mejju 2012 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Qieset u semghet id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 4 ta' Novembru 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata minn naha ta` l-imputat, f'liema ammissjoni huwa baqa jippersisti anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew il-provi kollha mressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali kwazi netta ta` l-imputat;
b. l-ammissjoni, li ghalkemm ghandha piz morali, ma tistax titqies bhala wahda bikrija stante li lehqu instemghu ix-xhieda kollha;
c. min naha l-ohra pero`, fatt mhux ta` ftit importanza hu li fl-udjenza ta` llum stess l-imputat hallas lil Raissa Arpa a saldu tal-hsarat minnha sofferti bl-agir ta` l-imputat.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b’rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-karattru ta` l-imputat, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Leopoldo Spiteri hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Leopoldo Spiteri bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` disa (9) xhur mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Leopoldo Spiteri fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------